Kunsill Lokali l-Imsida

# Rapport Amministrattiv Sena 2024-2025

*Ikkumpilat minn Josette Micallef, Segretarju Eżekuttiv*

**INTRODUZZJONI:**

Dan ir-rapport amministrattiv ikopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2024 u għaldaqstant jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill matul dan il-perjodu.

Il-Leġiżlatura numru 8 kompliet bil-ħidma tagħha matul l-ewwel sitt xhur tas-sena 2024 u kienet tikkonsisti minn 9 kunsilliera.

Ir-responsabbiltà diretta għal kull Kunsillier kienet:

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Sindku - Rappreżentanza fil-Kunsill Reġjonali Lvant, Rappreżentanza fuq il-Kumitat tas-sajd, Indafa, Servizzi, Integrazzjoni, Komunitajiet, Edukazzjoni, Libreriji |
| Romina Galea | Viċi-Sindku - Anzjani, Rappreżentanza fil-Kunsill Regjonali Lvant (sostitut tas-Sindku) |
| Jean Claude Borg | Kunsillier - Kultura, Dawl tat-Toroq |
| Nicholas Joseph Chircop | Kunsillier - Sports, Attivitajiet fiżiċi, Żgħażagħ u Tfal |
| Emanuel Brincat | Kunsillier - Infrastruttura, Proġetti, Siti ta' kostruzzjoni, Traffiku, Għajn tal-Ħasselin, Monument GWU, Rappreżentant Ewlieni tas-Sotto Kumitat tas-Swatar |
| Charles Selvaggi | Kunsillier - Innovazzjoni, Ħarsien tal-annimali |
| Maurice Agius | Kunsillier - Qasam Soċjali, Persuni b'diżabbilità |
| Alfred Farrugia | Kunsillier - Ambjent, Dawl tal-ġonna, Manutenzjoni ta' Ġonna, Funtani, Bust u Monumenti, Postijiet pubbliċi |
| Renald Camilleri | Kunsillier - Manutenzjoni tas-sinjali, tabelli fit-toroq u affarijiet oħra relatati |

Wara li nhar is-Sibt 8 ta' Ġunju kien hemm l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn ġie elett Kunsill ġdid li beda jopera nhar l-1 ta' Lulju 2024. Il-Kunsill il-ġdid għal dawn il-ħames snin li ġejjin huwa kif ġej:

Charles Selvaggi – Sindku
Christine Amaira – Viċi Sindku
Maurice Agius – Kunsillier
Alfred Farrugia – Kunsillier
Christopher Borg – Kunsillier
Margaret Baldacchino Cefai – Kunsillier u *Minority Leader*
Jean Claude Borg – Kunsillier
Andrew Mallia - Kunsillier
Nicholas Chircop – Kunsillier

Iċ-ċerimonja tal-ġurament saret nhar it-Tlieta 25 ta' Ġunju filwaqt li l-ewwel laqgħa tal-Kunsill, fejn saret ukoll il-ħatra uffiċjali tas-Sindku u l-Viċi Sindku, saret nhar it-Tlieta 2 ta' Lulju fis-Sala tal-Kunsill.

B'kollox saru 18-il laqgħa matul is-sena 2024, 8 bejn Jannar u Ġunju u 10 bejn Lulju u Diċembru. L-attendenza tal-Kunsilliera għal-laqgħat kienet kif ġej:

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | 100% |
| Romina Galea | 28.5% |
| Jean Claude Borg | 86% |
| Nicholas Joseph Chircop | 86% |
| Emanuel Brincat | 86% |
| Charles Selvaggi | 100% |
| Maurice Agius | 100% |
| Alfred Farrugia | 86% |
| Renald Camilleri | 100% |

U

| | |
|---|---|
| Charles Selvaggi | 100% |
| Christine Amaira | 90% |
| Maurice Agius | 90% |
| Jean-Claude Borg | 100% |
| Christopher Borg | 100% |
| Nicholas Joseph Chircop | 100% |
| Alfred Farrugia | 100% |
| Andrew Mallia | 80% |
| Margaret Baldacchino Cefai | 100% |

Waqt l-ewwel seduta tad-Disa' Leġiżlatura, il-kunsilliera eletti ġew afdati b'dawn ir-responsabbiltajiet:

| | |
|---|---|
| Charles Selvaggi | Indafa u Infurzar |
| Christine Amaira | Edukazzjoni u Relazzjonijiet Pubbliċi |
| Maurice Agius | Anzjani u nies b'diżabbilità; Saħħa u Berġa; Qasam Soċjali; Attivitajiet Soċjali |
| Jean-Claude Borg | Kultura |
| Christopher Borg | Fondi EU / Relazzjonijiet Internazjonali |
| Nicholas Joseph Chircop | Sports / Żgħażagħ / Tfal |
| Alfred Farrugia | Ambjent, Monumenti u Dawl tat-toroq; Manutenzjoni tal-Ġonna u postijiet pubbliċi; Infrastruttura; Proġetti; Siti ta' Kostruzzjoni u Traffiku |
| Andrew Mallia | Ħarsien tal-annimali u Innovazzjoni |

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Integrazzjoni / Komunitajiet |

Tajjeb wieħed isemmi li minkejja li fil-bidu tal-leġiżlazzjoni s-Sindku jkun assenja numru ta' karigi lill-Kunsilliera individwali, il-Kunsill iġorr responsabbiltà sħiħa għalihom kollha b'mod kollettiv.

Il-Kunsill għandu wkoll numru ta' sottokumitati, kif ġej:

Kumitati Finanzi magħmul mis-Sindku, il-Kunsillier Chris Borg u l-Kunsillier Margaret Baldacchino Cefai, l-accountant u s-Segretarju Eżekuttiv

Evalwazzioni Ta' Sejħiet Pubbliċi magħmul mis-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Nicholas Chircop, is-Segretarju Eżekuttiv u persuna professjonali jew Kunsillier responsabbli (skont l-offerta)

Kumitat Swatar magħmul mis-Sindku u l-Kunsillier Alfred Farrugia (chairperson) u numru ta' residenti mis-Swatar

Rappreżentanza Reġjun - jattendi s-Sindku u l-Viċi Sindku nħatret bħala sostitut tiegħu

**AMMINISTRAZZJONI:**

Kull Kunsill huwa magħmul mil-lat politiku u mil-lat amministrattiv. L-amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet kollha skont l-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, titmexxa mis-Segretarju Eżekuttiv. Bejn l-1 ta' Jannar u l-aħħar ta' Ġunju, it-tmexxija tal-Kunsill kienet f'idejn is-Sur Alan Vella, li kien ilu jmexxi l-Kunsill Lokali tal-Imsida għal dawn l-aħħar disa' snin. Wara r-riżenja tiegħu mill-Kunsill, is-Sur Vella ġentilment kompla

jagħti servizz fuq bażi bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv sal-bidu ta' Novembru. Minn Novembru 'l quddiem, ġiet appuntata s-Sa. Josette Micallef.

Jgħinu fl-eżekuzzjoni tad-dmirijiet fis-sena 2024 kien hemm tim ta' seba' impjegati:

- Rachel Aquilina, Assistent Uffiċjal Prinċipali (Deputat Segretarju Eżekuttiv)
- Sonia Vassallo, Assistent Uffiċjal Prinċipali
- Mirane Mifsud Triganza, Assistent Uffiċjal Prinċipali
- Carmelo Ellul, Uffiċjal Eżekuttiv
- Marvic Bonello, Skrivan
- Diane Vella, Skrivana
- Olivia Busuttil, Skrivana (irriżenjat mill-kariga fil-bidu ta' 2025)

Flimkien mal-grupp amministrattiv kien hemm ukoll ħaddiem manwali biex jagħti daqqa t'id fix-xogħlijiet ta' manutenzjoni li jkun hemm bżonn li jsiru fil-lokalità. Uħud minn dawn ix-xogħlijiet jikkonsistu minn rinfreskar ta' sinjali tat-traffiku, irranġar u twaħħil ta' tabelli, manutenzjoni fuq bankini u traqqigħ ta' ħofor fost oħrajn.

Permezz ta' offerti u kwotazzjonijiet differenti, il-Kunsill ikollu wkoll is-servizz ta' numru ta' esperti, bħalma huma avukat, periti kif ukoll *accountant* biex jgħinu lill-amministrazzjoni fix-xogħol tagħha u fl-eżekuzzjoni tad-deċizjonijiet tal-Kunsill.

Fost il-ħafna xogħlijiet li jsiru mill-amministrazzjoni tal-Kunsill, insibu wkoll il-ħlasijiet ta' kontijiet u miżati għal numru ta' entitajiet. Għajr għal 10% miċ-ċitazzjonijiet, minn dawn il-ħlasijiet il-Kunsill ma jdaħħal kważi ebda introjtu.

Il-liġi ta' Malta tobbliga lil min se jiddepożita xi tip ta' makkinarju jew materjal fit-triq jew fuq il-bankina, jew min se jorganizza xi attività okkażjonali fil-beraħ fost oħrajn, biex idaħħal applikazzjoni bi ħlas għand l-uffiċċju tal-Kunsill. Matul is-sena 2024, proċessajna b'kollox 3476 permess, uħud minnhom li jkunu ġew proċessati onlajn u oħrajn fl-uffiċċju tal-Kunsill billi wieħed jiġi personalment.

| | |
|---|---|
| Depożitu ta’ Kontejners | 84 |
| Depożitu ta’ Makkinarju | 2945 |
| Depożitu ta’ Materjal tal-bini u materjal ieħor | 6 |
| Divertiment Okkażjonali | 19 |
| No Parking Signs | 8 |
| Permessi ta’ Depożitu ta’ Skip | 276 |
| Permessi ta’ Tower Crane | 7 |
| Tqegħid ta’ Mwejjed u Siġġijiet | 8 |
| Xogħol ta’ trinek (Trenching Works) | 41 |
| Twaqqif ta’ xi Posta jew Kjosk | 28 |
| Twaqqif ta’ xi Posta jew Kjosk tradizzjonali għal bejgħ | 4 |
| Użu ta’ Scaffolding | 50 |

Ċertament li funzjoni oħra importanti f’amministrazzjoni ta’ Kunsill Lokali hija dik li jisma’ t-talbiet u l-ilmenti tar-residenti. Matul is-sena 2024 daħlulna 515 rapport, fejn 356 minnhom ġew solvuti. Numru konsiderevoli oħra minnhom ikunu ġew riferuti lil entitajiet oħra. Huwa impossibbli li l-Kunsill isolvi l-problemi kollha li niltaqgħu magħhom però ovvjament l-amministrazzjoni, bl-għajnuna tad-deċiżjonijiet mittieħda mis-Sindku u l-Kunsilliera u bid-direzzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv, tipprova ssolvi kemm jista’ jkun minn dawn it-talbiet li jkollna.

Eżempji ta’ uħud mit-talbiet u lmenti li kellna matul is-sena:

| **2024** | Nru ta' lmenti u talbiet | Solvuti |
|---|---|---|
| Talba għal aktar Doggie Bins | 13 | 7 |
| Talba għal traqqigħ tat-toroq | 43 | 32 |

| | | |
|---|---|---|
| Talba għal Rinfreskar tal-marki tat-toroq | 27 | 15 |
| Talba għal tabelli minħabba storbju | 2 | 2 |
| Talba għal tabelli oħra | 2 | 2 |
| Rapport dwar annimali mejta | 7 | 7 |
| Talba għal qtugħ ta' ħaxix | 2 | 2 |
| Rapport dwar Doggie Bins mimlija | 5 | 5 |
| Talba għal żbir ta' soft areas | 7 | 7 |
| Talba għal knis aktar frekwenti | 37 | 12 |
| Rapporti dwar problemi relatati mal-ġbir ta' skart | 37 | 37 |

**FINANZI:**

L-allokazzjoni tal-kunsill lokali tiġi maħduma fuq dawn il-kriterji:

Tisbiħ u manutenzjoni ta' ġonna inkluż il-latrini
Manutenzjoni ta' toroq (tiswija u sinjali tat-traffiku)
Manutenzjoni ta' toroq (knis u tindif ta' toroq urbani)
Manutenzjoni ta' toroq (knis u tindif ta' toroq mhux urbani)
Immaniġġjar ta' skart (ġbir ta' skart)
Immaniġġjar ta' skart (tipping fees)
Spejjeż amministrattivi

Matul is-sena 2024, l-allokazzjoni tal-Kunsill mingħand il-Gvern Ċentrali kienet ta' €805,230. Magħha jiżdied xi introjtu ieħor bħalma huma ħlasijiet minn permessi, kirjiet, skemi kif ukoll 10% miċ-ċitazzjonijiet tal-LESA li jingħataw fil-lokalità tagħna.

Tajjeb wieħed isemmi li l-Kunsill beda s-sena 2024 b'telf ta' €454,715 mis-sena preċedenti, 2023. Matul is-sena 2024, irnexxielu jnaqqas l-ispejjeż u t-telf totali fl-aħħar ta' Diċembru 2024 kien ta' €216,785. Għaldaqstant, għalkemm xorta waħda opera u spiċċa s-sena bit-telf, għallanqas irnexxielu jkun aktar ekonomiku u għaqli fid-deċiżjonijiet li ħa u għażliet finanzjarji li għamel.

Ovvjament il-problema finanzjarja għadha hemm u sfortunatament mhijiex xi ħaġa li se jirnexxielna negħlbu kompletament din is-sena. Il-mira tagħna iżda hija li sal-aħħar tas-sena nkunu naqqasna l-ammont negattiv b'mod konsiderevoli sabiex eventwalment il-Kunsill jibda jopera mingħajr telf.

**MANUTENZJONI:**

Il-Kunsill kellu assenjati miegħu numru żgħir ta' ħaddiema mill-Community Workers Scheme fejn dawn ħadu ħsieb li b'mod regolari jnaddfu l-Għajn tal-Ħasselin u l-madwar tagħha, sar ir-rinfreskar tal-marki tat-toroq f'żoni differenti tal-lokalità u xi manutenzjoni żgħira oħra.

Sal-aħħar tas-sena 2024, il-Kunsill kellu wkoll kuntratt ma' kumpanija privata biex tagħmel xi xogħlijiet ta' manutenzjoni, fejn sar xi manutenzjoni fuq bankini, traqqigħ ta' għadd ta' toroq matul iż-żmien tax-xitwa u twaħħil ta' tabelli ġodda, fost oħrajn.

**SERVIZZI VARJI:**

Minbarra s-servizzi amministrattivi li jingħataw mill-uffiċċju, il-Kunsill għandu wkoll numru ta' kuntratti oħra li jagħtu servizzi madwar il-lokalità kollha, bħall-knis u qtugħ ta' ħaxix fit-toroq, fejn nippruvaw ninsistu li kull triq titnaddaf mill-inqas darbtejn fil-ġimgħa. Minħabba li n-nefqa għat-tindif mal-kuntrattur privat kienet telgħet aktar mid-doppju tal-allokazzjoni li ngħatajna mill-Gvern Ċentrali, fil-bidu tas-sena 2025 il-Kunsill ħa deċiżjoni li ma jġeddidx il-kuntratt li kellu u minflok daħal f'kuntratt ġdid ma' Clean Malta fejn għal nofs l-ispiża kien żied il-ħaddiema għal 8 u matul din is-sena se nkunu qed naraw ukoll servizzi ġodda ta' *machine sweeper* kif ukoll *floor washer* madwar il-lokalità, it-tnejn

jitħaddmu bl-elettriku. Dan il-kuntratt se jiswa lill-Kunsill €80,000 fis-sena iżda għalkemm xorta waħda huwa aktar mill-allokazzjoni li ningħataw, se nkunu frankajna mas-€86,000 fis-sena. Minbarra l-knis u l-ġabra tal-boroż tal-kenniesa, dan il-kuntratt jinkludi wkoll ħasil tat-toroq u ġbir ta' xi skart goff.

Sal-aħħar ta' Novembru 2024 konna nagħtu wkoll servizz ta' ftuħ, għeluq u tindif tal-latrini li kien hemm fil-pjazza. Wara li nbeda x-xogħol fuq il-pjazza iżda, il-Kunsill qabel unanimament li din il-latrina għandha tingħalaq. Il-Kunsill qed jinsisti ma' Infrastructure Malta li għandha toffri servizz ta' *mobile toilets* sakemm jitlestew il-latrini l-ġodda.

Fl-2024, daħlulna 28 talba għal lampi ġodda u 144 rapport dwar lampi mitfija. Dan huwa servizz ieħor mogħti mill-Kunsill Lokali għalkemm hemm numru ta' talbiet minnhom li jgħaddu direttament lill-Korporazzjoni Enemalta għaliex uħud mill-lampi, ġeneralment dawk fuq arblu, ma jkunux proprjetà u responsabbiltà tal-Kunsill lokali.

Servizz li huwa popolari ħafna huwa dak ta' ġbir ta' skart goff minn wara l-bieb, magħruf aħjar bħala *bulky refuse*, fejn wieħed jista' jiddisponi minn skart bħal *white goods*, biċċiet tal-għamara, ħadid, eċċ. Dan jitħaddem fuq bażi ta' erba' darbiet fil-ġimgħa għal skart normali u darba fil-ġimgħa għal skart elettroniku (WEEE).

B'kuntratt separat mal-GreenPak Coop, nieħdu ħsieb ukoll li jitbattlu s-settijiet tal-iskips għall-iskart riċiklabbli li għandna fi Triq l-Irmiġġ u fis-Swatar. Kull l-ewwel u t-tielet Ġimgħa tax-xahar jinġabar ukoll il-ħġieġ minn quddiem kull residenza fl-Imsida kollha.

Nistgħu ngħidu wkoll li r-rimi tal-batteriji wżati kif ukoll oġġetti elettroniċi żgħar (WEEE) ġo *trolley* li hemm apposta għal dan l-għan fl-uffiċċju tal-Kunsill qed jikbru fil-popolarità u huma l-bosta li jagħmlu użu minnhom b'mod regolari.

Matul is-sena kollha nagħtu wkoll servizz ta' manutenzjoni tas-*soft areas* li għandna madwar il-lokalità. Għalkemm iż-żoni mħaddra fl-Imsida huma ftit, il-Kunsill beda kommunikazzjoni mal-Ministeru tal-Ambjent u Project Green biex jgħinuna nippruvaw negħlbu din il-problema bil-ħsieb li jiġu kreati xi żoni oħra ma' li għandna. Ix-xogħol tal-

manutenzjoni tas-soft areas jinkludi ħart, żbir, qlugħ ta' siġar aljeni, tħawwil ta' pjanti u siġar ġodda u tisqija b'mod speċjali fix-xhur tas-sajf.

Servizz ieħor li jingħata mill-Kunsill Lokali huwa dak tal-Librerija Pubblika fejn wieħed jista' jissellef il-kotba kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, kemm għat-tfal kif ukoll għall-kbar. Il-librerija qed tiftaħ fuq bażi ta' tlett darbiet fil-ġimgħa biex nippruvaw nilħqu aktar ir-residenti tagħna. B'mod regolari nixtru wkoll kotba ġodda biex għalkemm żgħira, il-librerija tagħna tibqa' wkoll aġġornata kemm jista' jkun.

Ċertament li pjaċir tagħna naraw li l-paġna ta' facebook tagħna illum laħħqet kważi t-3000 like u l-Kunsill ħassu fid-dmir li jagħmel użu aktar spiss minn din il-platform sabiex jgħaddi l-messaġġi, kemm miktuba kif ukoll viżivi lilkom ir-residenti. Fost oħrajn, bdejna wkoll kampanja kontra r-rimi illegali tal-iskart u għaldaqstant b'mod regolari qed infakkru lir-residenti minn ġurnata qabel liema borża għandha tinħareġ fil-ġurnata ta' wara kif ukoll messaġġi edukattivi li ħafna minnhom jirrigwardjaw l-iskart.

**ATTIVITAJIET:**

Il-Kunsill organizza numru ta' attivitajiet varji matul is-sena kollha. Ċertament jispikkaw sewwa l-festa ta' San Ġużepp ta' Marzu fejn it-tfal tal-Iskola Primarja tal-Imsida u dawk tal-Iskola ta' St Francis ġarrew il- l-attivitajiet tal-Ġimgħa Mqaddsa fejn reġa' kellna l-purċissjoni tat-tfal bil-vari tal-Ġimgħa l-Kbira, wirja sagra bl-istess vari fil-binja tal-Kunsill Lokali kif ukoll il-mixgħela f'Misraħ San Ġużepp magħmula minn xemgħat u fjakkoli.

Nhar is-16 ta' Marzu b'kollaborazzjoni mal-Knisja Arċipretali, il-Kommunità Marokkina u l-Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta ittellgħet attività fejn saret ċelebrazzjoni tal-qsim tal-kulturi u biex wieħed jesperjenza l-kunċett tas-sawm f'reliġjonijiet differenti.

Flimkien mal-Kumitat tal-Ġostra, il-Kunsill reġa' assigura li tittella' din l-attività tradizzjonali tant mistennija kemm mill-Misidjani u anke mhux.

Ittellgħet ukoll l-attività ta' Jum l-Imsida fejn ingħataw ukoll żewġ medalji ta' Ġieħ l-Imsida lil żewġ eks kunsilliera kif ukoll rikonoxximent lis-Sur Alan Vella, li kien għadu kif irriżenja mill-post ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill.

Lejn l-aħħar tas-sena kellna wkoll l-attivitajiet tal-Milied fosthom il-kunċert ta' Lejlet il-Milied li nżamm fil-Knisja Arċipretali bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Melita Banda San Ġużepp. Permezz tal-Għaqda Mużikali tagħna, ferraħna wkoll lit-tfal tal-Iskola Primarja b'marċi brijjużi u kanzunetti tal-Milied.

Fiċ-Ċentru tal-Jum għall-Anzjani wkoll ġie organizzat festin sabiex jallegraw l-anzjani tar-raħal tagħna.

Ħadna ħsieb ukoll li narmaw għadd sabiħ ta' toroq b'tiżjin u dawl dekorattiv sabiex jagħti dehra festiva għaż-żmien sabiħ tal-Milied.

Fil-preżent qed naħdmu wkoll fuq applikazzjoni għal fondi mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex possibbilment norganizzaw numru ikbar ta' attivitajiet fi żmien il-Milied ta' din is-sena, fosthom kunċert minn artist rinomat u kant kif ukoll daqq ta' kanzunetti tal-Milied fit-toroq biex jallegraw lir-residenti madwar il-lokalità kollha.

**VANN TAL-KOMUNITÀ**

Wara li f'Lulju 2023 l-Kunsill xtara vann tal-elettriku biex jagħti servizz lill-komunità Misidjana, dan beda jopera fuq bażi ta' rotta stabbilita madwar il-lokalità kollha. Wara li saret diskussjoni f'Novembru li għadda, kien hemm qbil fuq livell ta' Kunsill li din is-sistema għandha tinbidel u minflok bdiet tiġi prattikata sistema ta' booking fuq bażi first come, first served. Fost oħrajn, illum il-vann jista' jieħu lir-residenti kemm madwar l-Imsida inkluż is-Swatar u l-Isptar Mater Dei, kif ukoll postijiet aktar 'il barra bħalma huma ċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira, il-Pietà, Ta' Xbiex u l-Isptar San Luqa.

Għalkemm ma teżistix statistika tajba fuq in-numru ta' passiġġiera fuq il-vann tal-kommunità għall-bidu tas-sena, l-istatistika li bdiet tittieħed minn Novembru 'l quddiem

turi li l-ammonti ta’ persuni li jużaw dan is-servizz issa qed ikun ta’ madwar 8 persuni kuljum għal medja ta’ madwar 180 persuna fix-xahar.

**PROĠETTI**

Proġett li nbeda matul is-sena 2023 kien dak ta’ tpoġġija ta’ passaġġ fir-rawndebawt taċ-Ċirku tal-Imsida. Għal dan ix-xogħol il-Kunsill ibbenefika minn ftit aktar minn €50,000 f’fondi minn skema tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Sadanittant riċentement il-Kunsill qabbad espert ekoloġiku sabiex din is-soft area tkun tista’ tiġi riġenerata u rijabilitata u tissebbaħ biex tagħti ftit aktar kulur lil din iż-żona tassew traffikuża. Fil-ġranet li ġejjin il-Kunsill jispera li jkompli jsebbaħ din ir-rawndebawt b’dawl dekorattiv kif ukoll xi bankijiet.

Hekk kif spiċċaw it-tħejjijiet tal-offerti għall-kostruzzjoni tal-ġnien u tisbiħ in ġenerali fi Triq Victor Denaro, Project Green u l-Kunsill kienu pronti ppubblikawhom sabiex iħajru kuntratturi differenti jitfgħu l-offerti tagħhom. Sfortunatament il-Kunsill irċieva appell minn kuntrattur minnhom u għaldaqstant il-proċess tal-offerti twaqqaf temporanjament.

Proġett li ġie sottomess fil-bidu tas-sena 2024 għall-iskema Vjal Kulħadd kien dak fejn il-Kunsill issuġġerixxa lill-Infrastructure Malta li parti minn Triq Oscar Zammit tiġi pedonali fuq bażi ta’ jumejn fil-ġimgħa. Min-naħa ta’ IM aċċettaw il-proposta tal-Kunsill iżda rrakkomandaw li din il-parti tat-triq għandha tingħalaq b’mod permanenti. Il-Kunsill se jkun qed jagħmel konsultazzjoni mar-residenti hekk kif jirċievi l-aħħar kopja tal-pjanti bil-proposta finalizzata.

Lejn l-aħħar ta’ Ottubru ngħata bidu għall-proġett tal-Imsida Creek minn Infrastructure Malta. Ovvjament ix-xogħlijiet u l-maġġorparti tad-deċiżjonijiet dwar dan il-proġett huma lil hinn mill-kompitu tal-Kunsill iżda min-naħa tagħna nassiguraw li nigbdu l-attenzjoni ta’ IM b’mod regolari, kemm verbalment kif ukoll bil-miktub sabiex naċċertaw li nwasslu l-ilmenti u t-talbiet tar-residenti tagħna. Lejn l-aħħar tas-sena ġie ingaġġat ukoll Liaison Officer sabiex ikun ta’ ħolqa bejn il-Kunsill Lokali u r-rappreżentanti ta’ IM.

Fil-bidu ta' Novembru, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw ftehim f'isem il-Kunsill Lokali tal-Imsida flimkien mad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi fejn aċċettaw li jiġu installati arbli b'dawl li jaħdem b'sistema solari. Dawn l-arbli se jitwaħħlu fil-ġnien tas-Swatar. L-għan ta' din l-investiment hu li tiġi ġġenerata enerġija ħadra permezz ta' riżorsi rinnovabbli.

Proġett li diġà huwa mibdi iżda li l-Kunsill għandu f'moħħu li jkompli jaħdem fuqu huwa l-masġar bejn Triq il-Wied u ż-żona tas-Swatar. Hawnhekk ix-xogħlijiet kienu waqqfu għaliex kien hemm problema bl-aċċessibbilità għal persuni b'diżabbilità li bħalma wieħed jaf hija diffiċli immens li tiġi indirizzata minħabba li hemm diżlivell kbir bejn żona u oħra.

**FRAMEWORK AGREEMENT:**

Ftehim li ġie ffirmat f'Ottubru 2024 kien dak mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi fejn il-Kunsilli Lokali ġew mitluba jidentifikaw siti li jeħtieġu interventi infrastrutturali sabiex jiġu rranġati. Il-Kunsill Lokali daħħal diversi proġetti żgħar bħalma huma tibdil u rranġar ta' diversi bankini u ranep madwar il-lokalità, proposta biex tiċċekken bankina u minflok jiddaħħal parkeġġ ieħor kif ukoll planter għall-pjanti fi Triq Victor Denaro, u saħansitra proposta biex Sqaq Clarence jiġi pavimentat mill-ġdid biex jissebbaħ dan l-isqaq tant gustuż, li waħdu se jkun qed jiswa ftit 'il fuq minn €80,000.

**RIKOSTRUZZJONI TA' TOROQ ĠODDA:**

Grazzi għal Infrastructure Malta, matul is-sena 2024 ingħata bidu kif ukoll bdew konsultazzjonijiet mal-Kunsill għar-rikostruzzjoni ta' numru ta' toroq ġodda fil-lokalità tal-Imsida.

Fosthom beda x-xogħol fuq Triq Bordin u bdew diskussjonijiet biex issir ir-rikostruzzjoni ta' Triq l-Għajn tal-Ħasselin. Ingħataw bidu wkoll id-diskussjonijiet għal xogħlijiet ta' mejn ġdid fi Triq il-Kunċizzjoni.

Il-Kunsill għadda wkoll lista ta' toroq li jeħtieġu priorità biex issir ir-rikostruzzjoni tagħhom mill-kuntratturi ta' IM. Barra minn dan, għamel u għadu jagħmel talbiet konsistenti sabiex mill-aktar fis possibbli, issir ir-rikostruzzjoni ta' Triq Antonio Bosio u taċ-Ċirku tal-Imsida.

**PROĠETTI TAL-UE**

Xi ħaġa li l-Kunsill Lokali tal-Imsida ilu jaħdem ħafna u kompla jaħdem fuqha hija fejn jirrigwardja l-proġetti tal-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill Lokali jieħu ħsieb li jdaħħal applikazzjonijiet li jikkonċernaw suġġetti rilevanti mal-Imsida, bħalma huma traffiku, tniġġiż tal-arja u tal-baħar, bżonn ta' aktar żoni ħodor, l-ugwaljanza bejn is-sessi, inklużjoni soċjali u inizjattivi edukattivi u ambjentali oħrajn.

**KUNSILL LOKALI TAT-TFAL**

F'Novembru li għadda l-Kunsill ġie mitlub jagħmel avviżi sabiex fl-Imsida jkollna l-ewwel Kunsill Lokali tat-Tfal. Wara numru ta' ġimgħat, isejjħet laqgħa għal dawk kollha li nkitbu u minn hemm bdew isiru laqgħat regolarment flimkien mat-tfal li applikaw kif ukoll koordinatur min-naħa tar-Rights Project, f'isem il-Fondazzjoni għall-Ħarsien tas-Soċjetà. Min-naħa tagħna qed nisperaw li nkomplu nsaħħu lil dan il-grupp ta' tfal li għandna u li flimkien magħhom naslu biex ikollna attivitajiet mit-tfal għat-tfal kif ukoll li jkunu jistgħu jgħaddulna ideat dwar x'qed jistennew jew x'jixtiequ li jsir min-naħa tal-Kunsill jew tal-awtoritajiet sabiex huma jkollhom ħajja aħjar u aktar inklussiva.

**INFURZAR**

Kif kulħadd jaf, problema akuta li għandna ġewwa l-Imsida hija dik ta' ħruġ ta' skart mhux skont l-iskeda. Problema oħra relatata hija li għad għandna ħafna residenti li la jirriċiklaw u lanqas jisseparaw l-iskart. Dan jirriżulta f'tunellaġġ ħafna ikbar minn dak mistenni li jiddaħħal fil-miżbla u li sal-aħħar tas-sena 2024, il-Kunsill Lokali kellu jħallas għalih mill-allokazzjoni tiegħu. Il-Kunsill għandu għajnuna kbira min-naħa tal-uffiċjali tal-ERA li b'mod regolari jieħdu ħsieb li jagħmlu rondi matul il-ġurnata kif ukoll flgħaxijiet u filgħodu kmieni.

Infurzar isir ukoll mill-Pulizija tal-Komunità li jmorru direttament fuq il-post hekk kif il-Kunsill jiġbdilhom l-attenzjoni dwar xi illegalità li tiġi rrappurtata. Minn Lulju li għadda, u fuq bażi ta' darbtejn fil-ġimgħa, il-Pulizija tal-Kommunità jakkumpanjaw ukoll lis-Sindku madwar il-lokalità sabiex jitkellmu ma' sidien ta' appartamenti u residenti li jkollna rapporti dwarhom relatati ma' abbuż ta' skart mhux skont l-iskeda.

**PARKEĠĠ TAL-ISKOLA PRIMARJA:**

Wara kommunikazzjoni li kienet saret bejn l-Onorevoli Ministru Clifton Grima u l-Kunsill fil-bidu tal-2024, saret laqgħa formali fejn il-Kunsill qabel li jesplora l-possibbiltà li jidħol għall-immaniġġjar tal-parkeġġ il-ġdid tal-Iskola Primarja. Il-ħsieb huwa li r-residenti tal-madwar ikollhom il-possibbiltà li jikru spazju bi ħlas fil-parkeġġ għall-użu tal-vettura tagħhom waqt il-ħin li l-Iskola ma tkunx qed tiġi użata. Iktar dettalji dwar din l-inizjattiva jingħataw aktar 'il quddiem.

**KAMRA FI TRIQ IL-KAROZZIN:**

Wara li fis-sena 2023, il-Kunsill kien qed isegwi żvilupp ġdid fi Triq l-Irmiġġ u Triq il-Karozzin, wasal fi ftehim mal-iżviluppatur sabiex struttura li nbniet fil-pjazzetta tgħaddi f'idejn l-amministrazzjoni tal-Kunsill sabiex isir użu minnha għall-ġid tal-komunità Misidjana. Il-Kunsill se jkun qed ikompli b'diskussjonijiet mal-kuntrattur sabiex din il-binja tgħaddi għand il-Kunsill b'mod uffiċjali mill-aktar fis possibbli.

**KONKLUŻJONI:**

Dawn huma ħafna mix-xogħlijiet li saru u inizjattivi li ttieħdu matul is-sena 2024. Ix-xogħol u l-inizjattivi s'issa matul is-sena 2025 żgur li ma waqfux. Ċertament li għalkemm il-fondi u r-riżorsi umani huma limitati, il-Kunsill se jkompli jaħdem bil-għaqal biex filwaqt li jnaqqas il-bilanċ negattiv li spiċċa s-sena 2024 bih, xorta waħda joħroġ b'inizjattivi innovattivi għall-ġid tar-residenti u tal-komunità kollha.

22 ta' Mejju 2025